# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt


**12/18**

**Minuti tat-tnax il-laqgħa (it-tkomplija tal-ħdax il-laqgħa li bdiet fid-19 ta' Ottubru, 2011) tat-tmintax-il sena tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li nżammet nhar il-Erbgħa 26 ta' Ottubru, 2011, fil-bini amministrattiv tal-Kunsill fil-Kumpless Umberto Colosso, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera**

**Preżenti:**

Sur Horace J. Anastasi – Sindku
Sur Ronald Briffa – Viċi Sindku
Sur Carmel Camilleri - Kunsillier
Sinj. Mariella Micallef – Kunsilliera
Sur Stephen Sultana – Kunsillier
Sur Edwin Formosa - Kunsillier

Joseph M. Formosa – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Assenti u Skużati:** Cleaven Christian Bugeja – Kunsillier li avża li ma setax jattendi minħabba xogħol u għalhekk talab li jiġi skużat (bagħat ittre)

**Aġenda:**

1.Qari u Approvazzjoni tal-Minuti:

Nota: Il-minuti tal-20 ta Ġunju, 2011, tas-7 ta' Lulju, 2011, tas-26 ta' Lulju, 2011 u tad-9 ta' Awissu, 2011 ġew approvati waqt il-laqgħa tad-19 ta' Ottubru, 2011.

2. Punti mqajma mill-Minuti:

Nota: Dawn ġew eżawriti waqt il-laqgħa tad-19 ta' Ottubru, 2011.

3. Komunikazzjoni mis-Sindku

Nota: Is-Sindku baqa' "in possession"

4. Pjan ta' Ħidma

Nota: Din it-tema ġiet eżawrita fil-Komunikazzjonijiet tas-Sindku.

5. Ilmenti

6. Aġġornament

**Ftuħ tal-laqgħa**

Il-laqgħa bdiet fis-6 ta‘ filgħaxija wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

**Komunikazzjoni mis-Sindku**

Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku fakkar li l-minuti juru biss jew preżenti jew assenti, iżda jekk ikun il-każ li Kunsillier javża r-raġuni għaliex ma jkunx jista jattendi għal laqgħa, din ir-raġuni titniżżel iżda xorta jiġi mniżżel bħala assenti.

Is-Sindku qal li dwar dan kien qed ifittex il-parir u konferma tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**Għoti ta Ġieħ Santa Venera 2011**

Is-Sindku qal li peress li l-laqgħat spiċċaw jitkomplew għal diversi drabi u li dan itellef bil-kbir il-ħidma tal-Kunsill ma kienx sejjer ikun possibbli li dan il-Ġieħ jingħata fil-14 ta Novembru 2011.

Is-Sindku qal li kien qed jipproponi li dan il-Ġieħ jingħata nhar il-Ġimgħa 2 ta’ Diċembru, 2011 u ssir serata organizzata speċifikament għal dina l-okkażjoni.

Din il-proposta ġiet sekondata mill-Kunsilliera Mariella Micallef.

Din il-proposta li l-Għoti tal-Ġieħ Santa Venera 2011 għaddiet għal vot.

Saret votazjoni.

Dawk favur: Horace J. Anastasi, Carmel Camilleri, Ronald Briffa, Mariella Micallef

Dawk kontra: Stephen Sultana, Edwin Formosa

Astensjonijiet xejn

Din il-proposta għaddiet u għalhekk l-Għoti ta Ġieħ Santa Venera sejjer isir il-Ġimgħa 2 ta’ Diċembru, 2011.

Is-Sindku qal li l-Kunsill sejjer ikompli bil-ħidma tiegħu dwar din it-tema u l-Kunsill jiġi nfurmat dwar dan minn zmien għal żmien kif ikun meħtieġ.

**PPP Project – 5 toroq**

Is-Sindku qal li l-proposta ta Central Asphalt Ltd hija li titħallas 40% malli jitlesta x-xogħol ta kull triq, sena wara li l-Kunsill iħallas 20%, fit-tielet sena l-Kunsill iħallas 20% u fir-raba sena l-Kunsill iħallas 20%.

F'dan l-istadju s-Sur Stephen Sultana qal li hemm bżonn li l-Kunsill ikollu *projected cash flow* ippreparat mill-*accountant* sabiex jiġi assigurat li dan il-proġett fuq terminu mnaqqas bin-nofs ma jkunx il-kaġun li jippreġudika l-ħidma u l-progress tal-Kunsill għall-bosta snin.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien għadu qed jistenna l-approvazjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali iżda l-Aġent Segretarju Eżekuttiv sejjer jitlob lill-*accountant* sabiex tipprepara diversi *scenarios* ta' termini ta' snin sabiex inkunu nistgħu naraw kif il-pagament fuq terminu mnaqqas ikun sejjer jimpalta fuq ix-xogħol tal-Kunsill.

**Ħidma fil-*Focus Group* taħt il-kappa tal-*Malta Torism Authority***

Dan il-grupp fih fi ħdanu liż-Żebbuġ (Għawdex), Ħal-Tarxien, Bormla u Santa Venera.

Is-Sindku qal li sar ftehim illi tinkera karozza tal-linja fuq jumejn:

Ġurnata waħda: Żebbuġ (Għawdex)

It-tieni Ġurnata: Bormla, Santa Venera, Ħal-Tarxien

Il-Kunsill għandu jara jekk l-ispiża hijiex vijabli.

Sejrin ikun hemm mawriet mit-turisti sabiex isiru jafu dwar l-attrazzjoni turistika tal-postijiet li qed jieħdu sehem f'dan il-*focus group*.

Is-Sindku qal li jista jagħti każ li l-Kunsill ikollu ukoll xi għajnuna finanzjarja.

F'dan l-istadju l-Kunsillier Sur Carmel Camilleri qal li anke jekk mhux sejjer ikun hemm flus għall Kunsill xorta waħda għandha ssir għaliex din iż-żjara mit-turisti ġewwa Santa Venera itella l-*image* tal-Kunsill.

**Kumitat Konġunt**

Is-Sindku qal li l-Kunsill sejjer jibqa jinsisti li għandu jirċievi l-flus dovuti lilu dwar iċ-ċitazzjonijiet iżda sa issa l-*audited accounts* għadhom ma waslux għand il-Kunsill.
Dwar dan kien hemm anke komunikat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

***Ground 5 aside* ġewwa Santa Venera**

Is-Sindku qal li dan il-proċess kien beda fi żmien li Sur Stephen Sultana kien Sindku.

Is-Sur Carmel Camilleri qal li kienet il-problema tal-flus li żammet dan il-proġett għaliex fil-fehma tiegħu dan il-proġett kien beda anke fi żmien li Sur Michael Caruana kien Sindku.

Is-Sindku qal lis-Sindku ta' qablu applikat għal Bar f'isem is-*Santa Venera Lightnings Football Club.*

Is-Sindku qal ukoll illi għalkemm il-grawnd tal-futbol 'il ġdid li qed jissemma fil-Midja jista' jingħad li kienu fil-konfini tal-Ħamrun u mhux f'dawk ta Santa Venera u jista' jkun hemm impatt negattiv fuq Santa Venera u, l-Kunsill għandu kull interess li jiddefendi l-interess tal-lokal.

Il-Kunsill iddeċieda li l-Aġent Segretarju jikteb lill-Prim Ministru.

***Playing fields* – Ġnien San Ġorġ Preca**

**- Ġnien Ġużè Flores**

Is-Sindku qal li sabiex isir *checking* ta' dawn il-*Playing Fields* hemm il-ħtieġa ta' Inġinier u għalhekk sejjer isir attentat sabiex jiġi ingaġġat inġinier li jgħin lill-Kunsilli kollha tar-Reġjun fil-bżonnijiet tagħhom.

Sar qbil li l-Kunsill għandu jiċċekja c-CCTV cameras li hemm f'Ġużè Flores sabiex jiġi assigurat li dawn qed jaħdmu u jħarsu l-proprjeta' kif ikun meħtieġ.

Fis-7.30 ta' filgħaxija s-Sur Stephen Sultana talab li jiġi skużat u ħalla l-kamra tal-Kunsill.

***Soft area* quddiem in-negozju ta' Tonna f'Cannon Road Santa Venera**

Is-Sindku qal li għandu jsir proġett li titneħħa l-ħamrija u jsir il-concrete u b'hekk il-lok ikun jista jinżamm aktar nadif.

**Is-Siġar fi Ġnien Ġużè Flores**

Is-Sindku qal li fil-Ġnien Ġużè Flores hemm bżonn li jinqalgħu xi siġar u b'hekk ikun hemm post li jidħlu xi bankijiet.

***Timed parking for non residents 90 minutes – no return within 2 Hours* f'dawn it-toroq u l-madwar**

Triq il-Kappillan Mifsud
Triq il-Ferrovija
Triq il-Kanun
Misraħ il-Barrieri fil viċinanza ta' l-istabiliment tal-LIDL
Triq Ħal Qormi u Triq Żonqor (il-parti ta' l-Ispiżerija Fatima)

Is-Sindku qal li hemm bżonn li l-Kunsill jikteb u jikseb l-approvazjoni tat-TM sabiex isir dan it-*timed parking* kif ingħad hawn fuq.

Tabella tal-*ONE WAY* li qiegħda faċċata tal LIDL, ħdejn tal-ħġieġ għandha toħroġ f'xifer il-bankina u l-Kunsill għandu jagħmel tabella bi dritta f'Misraħ il-Barrieri.

Is-Sur Edwin Formosa talab li jiġi skużat u ħalla l-Kamra tal-Kunsill fit 8.00 ta' filgħaxija.

***Bus Stop* ħdejn il-Kunsill.**

Is-Sindku ippropona li l-Bus Stop ħdejn il-Kunsill biswit il-Ġnien Romeo Romano għandu jinqala.

Din il-proposta ġiet sekondata mis-Sinjura Mariella Micallef.

Saret votazjoni

Dawk favur: Horace J. Anastasi, Ronald Briffa, Mariella Micallef

Dawk kontra: Ħadd

Astenzjoni – Sur Carmel Camilleri

Is-Sindku qal li l-Aġent Segretarju għandu jikteb lit-TM sabiex it-TM tagħmel *parking inlays* fi Triq il-Kbira San Ġużepp mill Ministeru l-fuq.

**Żvilupp tal-Kumpless – 7 Up factory bil-faċċata fuq Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera**

Is-Sindku qal lill-Kunsill irċieva mingħand is-Sur George Portanier li huwa sid u żviluppatur fejn irrimarka li kien ċekken l-estensjoni tal-iżvilupp u talab il-ko-operazjoni tal-Kunsill sabiex ma jagħmilx oġġezzjoni dwar dan l-iżvilupp.

Saret diskusjoni u l-Kunsill qabel li mhux kontra dan l-iżvilupp iżda l-iżviluppatur għandu jimxi kompletament skont il-liġi, jirrispetta l-ambjent, joffri sigurta' għall-kull ħsara u inkonvenjent li jista' jikkawża u li jħallas lill Kunsill somma flus sabiex il-Kunsill jagħmel xogħol ta' fejda f'inħawi urbani kif ikun meħtieġ.

**Ħofra u ċint maħruġ il-barra faċċata tal-garage PETRUS, fi Misraħ il-Barrieri, Santa Venera.**

Is-Sindku qal li dan l-inkonvenjent ilu jeżisti għal żmien twil u għalhekk il-Kunsill għandu jieħu passi u azzjoni mal MEPA u l-Joint Office sabiex jittieħdu l-passi meħtieġa u jitneħħa kull inkonvenjent u riskju u li jkun hemm titjib fl-ambjent tal-madwar u tinħoloq bankina kif huwa xieraq peress li dan il-ħajt lanqas ħalla spazju għal bankina.

Is-Sindku irrimarka wkoll li minħabba dina l-ħofra qed ibatu n-nies u tal-Petrus Garage ma jistax jidħol u joħroġ sew fil-garaxx.

**Post Vakanti ta' skrivan / a mall-Kunsill Lokali, Santa Venera.**

Is-Sindku informa lill-Kunsill illi peress li Sinjorina Maria Aquilina tat ir-riżenja tagħha u peress li sabet xogħol ieħor mal-Kunsill ta' Ħal-Tarxien, il Kunsill għandu jibda proċeduri sabiex jimpjega skrivan /a fi Skala 15 u l-proċedura dwar ir-Regolamenti tar-Riżorsi Umani tal-Kunsilli Lokali għandhom jiġu osservati.

B'mod immedjat l-Kunsill għandu jikseb l-approvazjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, wara dan jinforma l-ETC, jagħmel sejħa interna u jekk fis-sejħa interna qalb il-Kunsilli ta Malta u Għawdex ma jkun hemm ħadd li japplika, l-Kunsill jitlob l-ETC sabiex tagħti lista ta' kandidati prospettivi u wara l-Kunsill ikun jista jagħmel l-intervisti permess tal-Bord ta Għażla skont kriterji stabbiliti.

**Ilmenti**

Il-lista tal-ilmenti ġiet iċċirkulata qabel il-laqgħa.

Il-Kunsill ġie infurmat li qed jittieħdu l-passi kollha dwar kull ilment hekk kif jasal għand il-Kunsill u, wara jkun hemm *follow up* sabiex jiġi assigurat li jinkiseb il-progress meħtieġ u liċ-ċittadin ikun moqdi malajr kemm jista' ikun.

**Xogħol ta *double yellow lines* fil-kantunieri.**

Il-Kunsill qabel illi jsiru d-*double yellow lines* fil-kantunieri kollha skont kif titlob il-liġi.

**Aġġornament**

Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, l-Laqgħa għalqet fid-8.55 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 21 ta Novembru, 2011 fil 5.30 ta' filgħaxija fuq aġenda li tiġi iċċirkulata qabel il-laqgħa.

Louise Gusman
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Horace J. Anastasi
Sindku